# Ir-Raba Erbgħa



Wasalna diġa fir-Raba Erbgħa u bil-mod il-mod resqin dejjem aktar għall-festa tagħna l-Ġużeppini Kalkariżi. Llum ser nirriflettu fuq i-raba dulur u l-r-raba ferħa ta' San Ġużepp. Bħalma rajna l-ġimgħa l-oħra, Ġużeppi u Marija jidħlu fit-tempju biex jippreżentaw lil Ġesu' u hemmhekk iltaqgħu ma' Xmun. Wara li ppreżentaw lit-tarbija, din il-koppja qaddisa tiltaqa ma' persunaġġ ieħor li forsi ħafna drabi ma nagħtux tant kasha. Qed nirreferi għall-profetessa anzjana Anna, armla li kienet qattgħet xjuħitha titlob fit-tempju biex Alla jeħles lill-poplu tiegħu mill-opressjoni tar-Rumani. B'hekk il-poplu Lhudi seta jkun liberu għax il-liberta kienet is-sinjal li skond ħafna, Alla kien qed jistenna sabiex jibgħat il-Messija. Kif nistgħu naraw, il-Lhud kienu qed jistennew lil xi ħadd politiku bħala l-Messija u allura, dak iż-żmien kienu jistennew xi prinċep jew sultan sinjur, b'xi armata ma tispiċċa qatt. Xtaqu xi ħadd b'saħħtu tant li jeqred lill-Imperu Ruman. Anna tagħ raf il-Messija fit-tarbija Ġesu u nistgħu nimmaġinaw li din qajjmet xi ftit tal-agħa meta n-nies bdew jarawha tħares lejn it-tfajjel u ssejjaħħlu Messija. Nżommu quddiem għajnejna li din kienet tgħix bit-talb fit-tempju u n-nies kienu jħarsu lejha bħala profetessa u qaddisa. Il-kelma tagħha kienet tiswa ħafna. Ġużeppi jibża meta jismagħha tgħid li dak it-tfajjel kien ser iġib il-qawmien tal-poplu Lhudi u l-waqa tal-Imperu Ruman. Fil-verita kienet aħbar sabiħa iżda Ġużeppi jitnikket għax jibża li dak il-kliem seta jġib lilu u lil familtu fl-inkwiet. Żgur iżda li f'qalbu Ġużeppi kient ferħan se jtir għax nduna li anke din il-mara qaddisa għarfet lill ibnu bħala s-salvatur tad-dinja. Ir-redenzjoni tad-dinja kienet saret prijorita għal Ġużeppi u Ġużeppi kien ser jagħmel dak kollu li seta jagħmel biex il-pjanijiet ta' Alla ma jiġux imfixkla.

**Bro. Deo Debono**